



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9132/19

DEVGEN 101	AGRI 249
POLGEN 98	PECHE 233
SUSTDEV 83	SOC 352
RELEX 472	ASIM 60
ACP 55	RECH 252
WTO 134	TELECOM 213
ENV 472	TRANS 321
CFSP/PESC 359	ENER 260

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Mejju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8529/19
Suġġett:	Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Mejju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD), kif adottati mill-Kunsill fit-3690 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Mejju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD)

1. Il-Kunsill jikkonferma l-impenn tal-Unjoni għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) u jfakkar fl-obbligu tat-Trattat li jittieħed kont tal-oġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki interni u esterni kollha li x'aktarx jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-PCD bħala parti fundamentali mill-kontribut tal-UE għall-kisba tal-Aġenda għall-2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Il-Kunsill ikompli jissottolinja li approċċ koerenti u koordinat għall-azzjoni esterna tal-UE ser ikun importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda 2030 globalment¹.
2. Fuq dan l-isfond, il-Kunsill jilqa' r-Rapport tal-UE tal-2019 dwar il-PCD, li jeżamina l-progress li twettaq rigward il-PCD matul il-perijodu 2015-2018 kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE². Il-Kunsill jilqa' wkoll l-Evalwazzjoni Esterna tal-PCD tal-UE (2009-2016), kif ukoll is-segwitu tal-Kummissjoni³.
3. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kummissjoni għall-integrazzjoni tal-PCD fil-ħidma ġenerali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-2030 u jilqa' l-isforzi biex jiżdiedu s-sinerġiji bejn il-politiki settorjali differenti tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-approċċ il-ġdid għall-PCD, b'mod partikolari l-kopertura wiesgħa tiegħu lil hinn mill-ħames sfidi strateġiċi tradizzjonali (il-kummerċ u l-finanzi, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà alimentari, il-migrazzjoni u s-sigurtà). F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tespandi l-użu tal-iskrinjar tal-PCD fl-inizjattivi politiki futuri rilevanti. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Kummissjoni biex tiegħu miżuri konkreti għat-tisħiħ tal-PCD fil-politiki settorjali tal-UE, billi tirrifletti l-ambitu usa' u n-natura universali tal-Aġenda għall-2030 u l-interkollegamenti bejn l-SDGs. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha u li regolarment tinforma lill-Kunsill dwar il-progress.

¹ Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid (9459/17) u l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (13202/16)

² 5806/19

³ 6961/19 - SWD (2019) 88 final

4. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-PCD bħala mezz importanti għall-kisba tal-SDGs u kontribut sostanzjali għall-oġettiv usa' tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD), u jikkunsidra li l-PCD għandha tkompli tirċievi livell importanti ta' attenzjoni. Il-Kunsill jinnota aktar ċarezza fil-kunċett tal-PCD fir-rapport tal-Kummissjoni, u jilqa' aktar analiżi u sensibilizzazzjoni dwar l-interelazzjoni bejn il-PCD u l-PCSD. Il-kisba tal-SDGs teħtieġ il-formulazzjoni ta' politiki sodi, baġit adegwat għalihom u l-valutazzjoni regolari tagħhom, b'kont meħud ta' kwalunkwe impatt possibbli fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-bidu nett tal-formulazzjoni tagħhom.
5. L-implimentazzjoni tal-PCD tibqa' fuq is-sjieda kondiviża u r-responsabbiltà tal-atturi kollha tal-UE inklużi l-Istati membri. Il-Kunsill jirrikonoxxi li rieda politika hija l-qofol għall-kisba tal-PCD u jtenni l-impenn politiku tiegħu għall-promozzjoni ta' approċċi tal-gvern kollu kemm hu, biex ikunu żgurati s-sorveljanza politika u l-isforzi għall-koordinazzjoni fil-livelli kollha, u biex ikunu sostnuti l-formulazzjoni ta' politika bbażata fuq l-evidenza u t-teħid ta' deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni tal-SDG. Mekkażmi u għodod b'saħħithom ta' koordinazzjoni jibqgħu essenzjali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri għall-iskrutinju ta' politiki u l-applikazzjoni effettiva tal-PCD fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-UE tal-Aġenda għall-2030. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza ta' djalogu msaħħa mal-partijiet interessati rilevanti kollha bħall-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OECD.
6. Waqt li jirrikonoxxi il-progress li sar rigward il-PCD, il-Kunsill jappella għal aktar sforzi biex ikun żgurat li l-politiki ta' nuqqas ta' żvilupp jieħdu kont tal-oġettivi tal-iżvilupp tal-pajjiżi sħab, b'hekk jitnaqqsu l-impatti negattivi. Fl-istess waqt, il-Kunsill jissottolinja l-hteġa tal-fokus fuq is-sostenibbiltà, il-ħolqien ta' sitwazzjonijiet reċiprokament pożittivi u t-tisħiħ tal-impatt pożittiv tal-politiki tal-UE fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' sinerġiji u t-tnaqqis ta' compromessi bejn il-politiki.

7. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar u sistematiku tal-għodod u l-mekkaniżmi eżistenti, b'mod partikolari l-valutazzjonijiet ex-ante⁴, fl-istadji inizjali tal-proposti ta' politiki u legiſlattivi rilevanti kollha. Il-valutazzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-effetti transkonfinali qabel, matul u wara l-implimentazzjoni tal-proposti ta' politika u legiſlattivi.
8. Ir-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ambaxxati tal-Istati Membri, jibqa' ċentrali fil-monitoraġġ tal-isforzi tal-PCD u l-politiki tal-UE fil-pajjiżi sħab. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex itejbu s-sensibilizzazzjoni dwar il-PCD, biex l-isforzi rilevanti tagħhom isiru aktar viżibbli u, fejn adatt, biex jinkludu l-PCD fid-djalogu politiku tagħhom mal-pajjiżi sħab.
9. Il-Kunsill jilqa' r-rabtiet mill-qrib bejn ir-Rapport tal-UE 2019 dwar il-PCD u d-Dokument ta' Riflessjoni "Lejn Ewropa sostenibbli sal-2030". Il-PCD għandha tibqa' element ewlieni fl-isforzi ġenerali tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-2030. Il-Kunsill jilqa' l-integrazzjoni tar-Rapport tal-PCD bħala parti mir-rapportar komprensiv tal-UE dwar il-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-2030 u s-17-il SDG tagħha u tistenna b'interess l-ewwel rapportar tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fl-2019.

⁴ Bħal Valutazzjonijiet tal-Impatt Regulatorju u l-Analiżi Ambjentali u tal-Ambjent Soċjali.